Nru. 17,516
Prezz 40ċ
Price 40c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2003
Friday, 5th December, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1152

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru, 2003, matul l-assenza ta' l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

Il-5 ta' Diċembru, 2003
(OPM 12/2003 Vol II)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1152

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy, assume the additional duties of the Prime Minister with effect from Friday, 5th December, 2003, during the absence of the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P.

5th December, 2003

Nru. 1153

ĦATRA TA' DIRETTUR ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Raymond Farrugia, B.E.&A. (Hons.), M.Sc. (Leeds), A.&C.E., bħala Direttur Ġenerali (Xogħlijiet) fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura b'seħħ mill-14 ta' Novembru, 2003.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

No. 1153

APPOINTMENT OF DIRECTOR GENERAL

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Raymond Farrugia, B.E.&A. (Hons.), M .Sc. (Leeds), A.&C.E., as Director General (Works) in the Ministry for Resources and Infrastructure with effect from 14th November, 2003.

5th December, 2003

Nru. 1154

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tlieta, it-2 ta' Diċembru, 2003, għall-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Christopher Agius, huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

VELLA DAVID

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

No. 1154

LOCAL COUNCILS ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Tuesday, 2nd December, 2003, for the Local Council of Marsaskala, to fill the post vacated by Mr Christopher Agius, is that whose name is shown hereunder:–

VELLA DAVID

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

5th December, 2003

Nru. 1155

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27. 11. 03	Lm4.64c6	7c4
28. 11. 03	Lm4.63c9	7c4
01. 12. 03	Lm4.62c3	7c3
02. 12. 03	Lm4.69c5	7c5
03. 12. 03	Lm4.66c4	7c4
04. 12. 03	Lm4.67c6	7c5

Il-5 ta' Diċembru, 2003

No. 1155

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

5th December, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 102

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Diċembru 2003, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: l-Arċisqof Pietru Pace, Għajn Qatet, Enrico Mizzi u Pjazza San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru 2003, mill-10.00 a.m. minn Pjazza San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru 2003, mill-5.00 p.m. minn Pjazza San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru 2003, mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Għajn Qatet, Pompei, it-Tabib A. Tabone, San Duminku, it-8 ta' Diċembru u Pjazza San Franġisk.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Diċembru 2003, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar mit-toroq li ġejjin: Fortunato Mizzi, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u Pjazza Savina.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Diċembru 2003, mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, il-Karità u Vajringa.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

POLICE NOTICE

No. 102

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Victoria, Gozo

On Saturday, 6th December 2003, from 7.00 p.m. through the following streets: l-Arċisqof Pietru Pace, Għajn Qatet, Enrico Mizzi and Pjazza San Franġisk.

On Sunday, 7th December 2003, from 10.00 a.m. through Pjazza San Franġisk.

On Sunday, 7th December 2003, from 5.00 p.m. through Pjazza San Franġisk.

On Sunday, 7th December 2003, from 8.00 p.m. through the following streets: Għajn Qatet, Pompei, it-Tabib A. Tabone, San Duminku, it-8 ta' Diċembru and Pjazza San Franġisk.

On Monday, 8th December 2003, from 7.00 a.m. till noon through the following streets: Fortunato Mizzi, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza and Pjazza Savina.

On Monday, 8th December 2003, from 5.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, il-Karità and Vajringa.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

5th December, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet li ġejjin:-

Lecturing Staff

Il-Kulleġġ qed ifittex li jingaġġa *lecturing staff* li jkun kwalifikat u b'esperjenza fl-oqsma li ġejjin:

Malta

Elettronika *(full-time)*
Ingliż (*full-time* u *part-time*)
Matematika (*full-time* u *part-time*)
Tikħil u Tqegħid ta' Madum (*full-time*)

Għawdex

Basic Skills (part-time)
Engliż (*part-time*)
Matematika (*full-time*)

IT Studyroom Supervisor
(Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex)

L-MCAST qed ifittex li jingaġġa *IT Study Room Supervisor*. Il-kandidat li jingħażel għandu jkun kapaċi li jaħdem indipendentement u għandu jkun kapaċi jikkomunika sew ma' ħaddieħor. Huwa meħtieġ li jkun jaf sew iħaddem il-*hardware* u s-*software* tal-kompjuter. Tingħata preferenza lil kandidati li jkollhom diploma jew kwalifiki relatati mal-kompjuter.

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tista' tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-22 ta' Diċembru, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for the following posts:-

Lecturing Staff

The College is seeking to recruit lecturing staff that are qualified and experienced in the areas below:

Malta

Electronics (full-time)
English (full-time and part-time)
Mathematics (full-time and part-time)
Plastering and Tilelaying (full-time)

Gozo

Basic Skills (part-time)
English (part-time)
Mathematics (full-time)

IT Studyroom Supervisor
(MCAST Gozo Centre)

MCAST is seeking to recruit an IT Study Room Supervisor. The successful candidate will be capable of working independently and will possess good communication skills. A sound knowledge of computer hardware and software is required. Preference will be given to candidates who have a computer related diploma or other relevant qualifications.

Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, by not later than Monday, 22nd December, 2003. Late applications will not be considered. Further information can be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

5th December, 2003

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv

Dan hu grad ta' *Senior Management*. Bħala Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jassigura li d-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv u effiċjenti permezz ta' struttura ta' Amministrazzjoni serja waqt li jassigura kontroll finanzjarju matul is-sena kollha.

L-ebda persuna ma tkun kwalifikata biex tinħatar Segretarju Eżekuttiv jekk ma jkollhiex provi ta' dawn ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:

1. Ikollu/ha esperjenza jew kompetenza maniġerjali u/jew eżekuttiva; u li kapaċi jaħdem b'inizjattiva.

2. Ikun jaf tajjeb il-proċeduri ta' *accounts* u *office computer applications*.

3. Ikollu/ha dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wieħed jibda kors Universitarju fl-istudji għal *degree* fil-*Business Administration* u/jew *Management*.

4. Il-persuna magħżula trid tkun kapaċi tikkomunika, taf il-proċeduri tal-Kunsilli Lokali u leġislazzjoni, u tkun taf tagħmel tajjeb rapporti, etċ.

Iżda dawn ir-rekwiżiti minimi ma japplikawx għal dawk il-persuni li fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet kienu jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv jew li attendew b'suċċess kors għal Segretarji Eżekuttivi prospettivi tal-Kunsilli Lokali organizzat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u għal xi żmien ħadmu bħala Segretarji Eżekuttivi ma' xi Kunsill.

Kull applikazzjoni, flimkien ma' *C.V.* dettaljat, għandha tasal il-Kunsill Lokali fi Triq Depiro, Tas-Sliema, f'envelop immarkat "Vakanza ES" u indirizzat lis-Sindku, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-22 ta' Diċembru, 2003.

Permess ta' l-ETC 68/2003.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

SLIEMA LOCAL COUNCIL

Vacancy of an Executive Secretary

This is a Senior Management position. As the Executive, Administrative and Financial head of the Local Council, the Executive Secretary is to ensure that all Council decisions are implemented in the most effective and efficient manner with a properly maintained administrative structure whilst ensuring proper financial control throughout the year.

No person shall be qualified for appointment if he/she does not produce evidence of the following minimum requirements:

1. Have managerial and executive experience or competence, thus capable to work on own initiative.

2. Good knowledge in accounting procedures and office computer applications.

3. Possesses the qualifications which are normally required in order to read for a University Degree in Business Administration and Management.

4. The selected person would be able to communicate well, be well versed in Local Council Procedures and legislation and have good reporting and writing skills.

These minimum requirements do not apply in the case of those persons who on the date of the publication of these conditions occupied the post of a Local Council Executive Secretary or who have successfully attended a course for prospective Local Council Executive Secretaries organised by the Local Councils Department and who were employed for a period of time as Executive Secretaries with a Local Council.

Applications, marked "Vacancy ES" including a detailed C.V. are to be addressed to the Mayor and must reach the Council in Triq Depiro, Sliema, by not later than noon of Monday, 22nd December, 2003.

ETC Permit 68/2003

5th December, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Università ta' Malta
Eżamijiet tal-*Matsec*

Ċertifikati ta' l-Edukazzjoni Sekondarja (SEC)
Sessjoni Mejju/Settembru 2003

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq waslu.

Kandidati li tressqu għall-eżami mill-iskola għandhom jiġbru ċ-ċertifikat mill-iskejjel tagħhom.

Kandidati privati għandhom jiġbru ċ-ċertifikati minn:

Kandidati f'Malta:–
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:–
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

Kandidati privati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur (tutur legali), għandhom jintwerew il-Karta ta' l-Identità tal-ġenitur (tutur legali) u tal-kandidat.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

University of Malta
Matsec Examinations

Secondary Education Certificates (SEC)
May/September 2003 Session

The Acting Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examinations have been received.

School presented candidates are to collect their certificates from their school.

Private candidates are to collect their certificates from:

Malta candidates:–
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:–
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

Private Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and result slip.

If the parent, (legal guardian), collects the certificate, the Identity Card of both the parent, (legal guardian), and the candidate should be presented.

5th December, 2003

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Riżultat għall-Post ta' *Manager*
(Social Policy Information Centre)
fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Is-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Politika Soċjali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq, fin-*notice-board* tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, ir-4 Sular, Triq l-Ordinanza, Valletta u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Result for the Post of Manager
(Social Policy Information Centre) in the
Ministry for Social Policy

The Permanent Secretary, in the Ministry for Social Policy notifies that the result of selection for the above-mentioned post can be viewed on the notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Social Policy, 4th Floor, Triq l-Ordinanza, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

5th December, 2003

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul Novembru 2003.

HEALTH DIVISION

List of tenders awarded by the Government Pharmaceutical Services during November 2003.

Natura ta' l-oġġett *Nature of Item*	Kuntrattur *Contractor*
Acipimox 250mg caps	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Masks adult medium concentration	Technoline Ltd. - Gżira
Dinoprostone vaginal gel 2mg	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Vallett
Aethoxysklerol 60mg injections	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Calcitrol capsules 0.5 micrograms	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Needles spinal puncture sz 19g	A.M. Mangion Ltd. - San Ġwann
Sterile polyvinyl chloride catheter	E.J. Busuttil Ltd. - Birkirkara
Hemilich valves	Rodel Ltd. - Kappara For Vygon S.A. - France
Self adhesive hypoallergenic dressings	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Waterproof microporous dressings	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Curved radifocus wire guide	A.T.G. Co. Ltd. - Floriana
Dopamine hydrochloride 200mg injections	Drugsales Ltd. - Lija
Opticap disconnect cap	Drugsales Ltd. - Lija
Oral iron preperation	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Doxepin hydrochloride 10mg capsules	George Borg Barthet Ltd. - Luqa
Direct immunoflourescence test kits for influenza A + B virus	E.J. Busuttil Ltd. - Birkirkara
Atropine sulphate 600mcg tablets	Medicem Ltd. - Marsaxlokk
Tubes endotrachael cuffed sz 6.5	Euro Healthcare Ltd. - Kappara
Drydrogesterone 10mg tablets	Galeapharma Ltd. - Valletta
Single lumen hickman type central venous catheter	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
P.V.C. extension set	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Needles spinal puncture sz 20g	A.M. Mangion Ltd. - San Ġwann
Injector syringes	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Tetracycline HCL 250mg capsules	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Erythromycin oral suspension	Michele Peresso Ltd. - Birkirkara
Cholestyramine powder (questran ®)	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Oxandrolone 2.5mg tablets	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
Minnesota 4 lumen oesaphageal tubes, 21FR	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Flavoxate hydrochloride	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Vicryl rapide G2/0	A.M. Mangion Ltd. - San Ġwann
Trientine capsules	Anstead International - UK
Diphenhydramine and menthol oral liquid	Pharmachemic Trading Agency - Rabat
Waterproof microporous dressings sz 6 x 9xm	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Adult endotracheal intubation stylets - length 350mm	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Tranexamic acid 500mg tablets	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Haemostatic absorbable gelatine sponge	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Hi-lo endotracheal tubes sz 8 & 9	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Human anti-leishmania antibody by immunoflourescence	E.J. Busuttil Ltd. - Birkirkara
SterilePVC catheter, sz 16ch	E.J. Busuttil Ltd. - Birkirkara

Permanent double lumen catheters for haemodialysis	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Protamine sulphate 10mg/ml x 5ml injections	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Dexamethasone 0.5mg tablets	Michele Peresso Ltd. - Birkirkara
Minoxidil 10mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Aspirin 300mg tablets	Charles De Giorgio Ltd. - Valletta
Bandages suspensory large	Kemimport Ltd. - Birkirkara
Rabies vaccine	Cherubino Ltd. - Gżira
Clindamycin hydrochloride 150mg capsules	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Adult endotracheal intubation stylets - length 365mm	Euro Healthcare Ltd. - Kappara
Propranolol 40mg tablets	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Phenylephrine hydrochloride 10mg/ml injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Colistin sulphomethate 1 mega unit injections	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Kits for anticardiolipin antibodies by EIA	Cherubino Ltd. - Gżira
Ascorbic acid tablets	Rodel Ltd. - Kappara For Aegis Ltd.
Sucralfate suspension	Miller & Miller (Chemicals) Ltd. - UK
IFA test kits	Cherubino Ltd. - Gżira
Piroxicam 10mg capsules	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Dobutamine hydrochloride 250mg injections	Charles De Giorgio Ltd. - Valletta

Il-5 ta' Diċembru, 2003

5th December, 2003

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti maghluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Diċembru, 2003 għal:

CT 309/2003. Kuntratt għat-twaqqif ta' *Paying Agency* f'Malta - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

CT 279/2003. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' tagħmir tal-laboratorju għall-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta fil-Qasam Industrijali San Ġwann, San Ġwann - Laboratorju Nazzjonali ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Diċembru, 2003 għal:

CT 291/2003. Xogħlijiet u servizzi ta' l-inġinerija elettrika fil-*MATSEC Building Extension* fl-Università ta' Malta - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 11th December, 2003 for:

CT 309/2003. Contract for the setting up of a Paying Agency in Malta - Ministry for Rural Affairs and the Environment.

CT 279/2003. Supply, delivery and installation of laboratory equipment to the Malta National Laboratory at San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann - Malta National Laboratory. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th December, 2003 for:

CT 291/2003. Electrical engineering works and services at the MATSEC Building Extension at the University of Malta - University of Malta. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 292/2003. Xogħlijiet ċivili b'konnessjoni ma' l-istallazzjoni ta' *lift* f'12, Triq San Pawl, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm40 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Diċembru, 2003 għal:

CT 293/2003. Provvista ta' *mesalazine retention enema 1g in 100ml* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 294/2003. Provvista ta' *sodium fusidate 2% ointment* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 295/2003. Provvista ta' *beclomethasone dipropionate 250mcg inhaler* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 296/2003. Provvista ta' *theophylline controlled release 250mg tablets – Nuelin SA-250* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 297/2003. Provvista ta' *potassium chloride 600mg sustained release tablets* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 298/2003. Provvista ta' *contrast medium for oral and rectal use* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 299/2003. Provvista ta' *epirubicin 10mg and 50mg injections* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Jannar, 2004 għal:

CT 290/2003. Provvista ta' *Technical Safety Management Information System* għall-Awtorità Marittima ta' Malta. Proġett ta' l-E.U. – Ref: 02/000-268 (MT 2002NP) *Project 06, National Pre-Accession Programme 2002* għal Malta.

*CT 324/2003. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' żraben tal-mixi lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 301/2003. Provvista ta' *haemoglobin A l c kits, haemoglobin A2* u *F kits,* b'żewġ instrumenti mislufa – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 302/2003. Provvista ta' *developer/replenisher for Automatic 90 seconds film processing BP/BPC/EP/USP* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 303/2003. Provvista ta' *gauze swabs* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 292/2003. Civil works in conjunction with the lift installation at 12, Triq San Pawl, Valletta - Works Division. A fee of Lm40 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th December, 2003 for:

CT 293/2003. Supply of mesalazine retention enema 1g in 100ml – Health Division.

CT 294/2003. Supply of sodium fusidate 2% ointment – Health Division.

CT 295/2003. Supply of beclomethasone dipropionate 250mcg inhaler – Health Division.

CT 296/2003. Supply of theophylline controlled release 250mg tablets – Nuelin SA-250 – Health Division.

CT 297/2003. Supply of potassium chloride 600mg sustained release tablets – Health Division.

CT 298/2003. Supply of contrast medium for oral and rectal use – Health Division.

CT 299/2003. Supply of epirubicin 10mg and 50mg injections – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th January, 2004 for:

CT 290/2003. Supply of a Technical Safety Management Information System for the Malta Maritime Authority. E.U. Project – Ref: 02/000-268 (MT 2002NP) Project 06, National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

*CT 324/2003. Period contract for the supply of walking shoes to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th January, 2004, for:

CT 301/2003. Supply of haemoglobin A l c kits, haemoglobin A2 and F kits, with two (2) instruments on loan - Health Division.

CT 302/2003. Supply of developer/replenisher for Automatic 90 seconds film processing BP/BPC/EP/USP - Health Division.

CT 303/2003. Supply of gauze swabs – Health Division.

CT 304/2003. Provvista ta' sistemi bijokemikali għal identifikazzjoni ta' baterja – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 304/2003. Supply of biochemical systems for the identification of bacteria – Health Division.

CT 305/2003. Provvista ta' *urine test strips* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 305/2003. Supply of urine test strips – Health Division.

CT 306/2003. Provvista ta' *consumables* għall-*Datex Ohmeda S3/S5 monitor BP/BPC/EP/USP* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 306/2003. Supply of consumables for Datex Ohmeda S3/S5 monitor BP/BPC/EP/USP – Health Division.

CT 307/2003. Provvista ta' *Bowie Dick test packs* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 307/2003. Supply of Bowie Dick test packs – Health Division.

CT 308/2003. Provvista ta' *sterile connection devices* – Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 308/2003. Supply of sterile connection devices – Health Division.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-13 ta' Jannar, 2004, għal:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 13th January, 2004, for:

CT 311/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *ondansetron 4mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 311/2003. Supply of ondansetron 4mg injections - Health Division.

CT 312/2003. Provvista ta' *sodium bicarbonate 8.4% solution* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 312/2003. Supply of sodium bicarbonate 8.4% solution - Health Division.

CT 313/2003. Provvista ta' pilloli *oxpentifylline 400mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 313/2003. Supply of oxpentifylline 400mg tablets - Health Division.

CT 314/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *fluconazole 2mg/ml in 100ml bottles* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 314/2003. Supply of fluconazole 2mg/ml injections in 100ml bottles - Health Division.

CT 315/2003. Provvista ta' pilloli *fusidate sodium 250mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 315/2003. Supply of fusidate sodium 250mg tablets - Health Division.

CT 316/2003. Provvista ta' *isoflurane inhalation anaesthetic* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 316/2003. Supply of isoflurane inhalation anaesthetic - Health Division.

CT 317/2003. Provvista ta' *enflurane inhalation anaesthetic* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 317/2003. Supply of enflurane inhalation anaesthetic - Health Division.

CT 318/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *suxamethonium 100mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 318/2003. Supply of suxamethonium 100mg injections - Health Division.

CT 319/2003. Provvista ta' *disposable suction liners* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 319/2003. Supply of disposable suction liners - Health Division.

CT 320/2003. Provvista ta' *gloves surgeon size: 7* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 320/2003. Supply of gloves surgeon size: 7 - Health Division.

CT 321/2003. Provvista ta' *propofol 500mg prefilled syringes* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 321/2003. Supply of propofol 500mg prefilled syringes - Health Division.

CT 322/2003. Provvista ta' *viggo arterial cannula gauge 2* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 322/2003. Supply of viggo arterial cannula gauge 20 - Health Division.

CT 323/2003. Provvista ta' *midday meals* għall-iskejjel speċjali f'Malta waqt is-Sena Skolastika 2003/2004 - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' Jannar, 2004, għal:

*CT 325/2003. Provvista ta' ġkieket *waterproof* lid-Dipartiment tal-Pulizija.

*CT 326/2003. Bini ta' uffiċini ġodda u mħażen għall-Forzi Armati ta' Malta, Ħal Safi - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Blokk A, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm20.

*CT 327/2003. Stallazzjoni ta' *solar water heaters* f'Blokki A5-A11, Pembroke - Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Il-pjanti relatati jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju taċ-*Chief Draughtsman,* Livell 3, Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Santa Venera bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas id-dritt neċessarju ta' Lm3 għal kull kopja ta' pjanta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 310/2003. Provvista ta' *Cultural Heritage Inventory Management Systems (CHIMS)* - Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 300/2003. Provvista ta' tagħmir għall-*Monitoring* għad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent. Proġett ta' l-*E.U.* - Ref: B7-040 MT2002 *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

CT 323/2003. Supply and delivery of midday meals to special schools in Malta during Scholastic Year 2003/2004 - Education Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th January, 2004, for:

*CT 325/2003. Supply of waterproof jackets to the Police Department.

*CT 326/2003. Construction of new offices and stores at Armed Forces of Malta, Ħal Safi - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Block A, Works Division, Floriana between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm20.

*CT 327/2003. Installation of solar water heaters at Blocks A5-A11, Pembroke - Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document. The relative drawings can be collected from the Chief Draughtsman's Office, Level 3, Housing Construction and Maintenance Department, Santa Venera between 8.00 a.m. and noon against the necessary payment of Lm3 per copy of drawing.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd January, 2004, for:

CT 310/2003. Supply of Cultural Heritage Inventory Management Systems (CHIMS) - Superintendence of Cultural Heritage. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th January, 2004, for:

CT 300/2003. Supply of monitoring equipment for the Plant Health Department, Ministry for Rural Affairs and the Environment. E.U. Project - Ref: B7-040 MT2002 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf ukoll lill-offerenti kollha illi skond klawsola 5(2) (k) u t-Tielet Skeda tar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi ser ikunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) fi żmien tliet (3) ijiem tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha. Dan irid isir skond paragrafu (2) tat-Tielet Skeda ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxa fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din l-Iskeda.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Proġett ta' l-*E.U. - National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*
Dan huwa *Supply Procurement Notice* taħt *INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE*

CT 290/2003. Provvista ta' *Technical Safety Management Information System* għall-Awtorità Marittima ta' Malta. Proġett ta' l-E.U. – Ref: 02/000-268 (MT 2002NP) *Project 06, National Pre-Accession Programme 2002* għal Malta.

Lottijiet:

Lott 1 *Clustered server nodes with shared storage including operating and ancillary backup systems, database engine and web server software.*

Lott 2	*Notebooks*	– Kwantità: 40
Lott 3	*Scanner*	– Kwantità: 2
Lott 4	*PC Workstations*	– Kwantità: 60
Lott 5	*Diesel powered electrical generators:*	
	180 KVA capacity	– Kwantità: 1
	50 KVA capacity	– Kwantità: 1
Lott 6	*High capacity laser printers*	– Kwantità: 5

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

5th December, 2003

The Director General (Contracts) also notifies all tenderers that in terms of Clause 5(2) (k) and the Third Schedule of the Public Service (Procurement) Regulations 1996 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) within not more than three (3) working days from the date of such publication and in accordance with paragraph (2) of the Third Schedule of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Schedule.

5th December, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

E.U. Project - National Pre-Accession Programme 2002 for Malta
This is a Supply Procurement Notice under the INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 290/2003. Supply of a Technical Safety Management Information System for the Malta Maritime Authority. E.U. Project – Ref: 02/000-268 (MT 2002NP) Project 06, National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Lots:

Lot 1 Clustered server nodes with shared storage including operating and ancillary backup systems, database engine and web server software.

Lot 2	Notebooks	– Quantity: 40
Lot 3	Scanner	– Quantity: 2
Lot 4	PC Workstations	– Quantity: 60
Lot 5	Diesel powered electrical generators:	
	180 KVA capacity	– Quantity: 1
	50 KVA capacity	– Quantity: 1
Lot 6	High capacity laser printers	– Quantity: 5

The Director General (Contracts) notifies for general information that the closing date and time for the presentation

l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hu sat-Tlieta, is-6 ta' Jannar, 2004 sa l-10.00 a.m. (Ħin ta' Malta).

Il-5 ta' Diċembru, 2003

of offers for the above mentioned advert is Tuesday, 6th January, 2004 up to 10.00 a.m. (Malta Time).

5th December, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Proġett ta' l-*E.U. - National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*
Dan huwa *Supply Procurement Notice* taħt *INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE*

CT 300/2003. Provvista ta' tagħmir għal *monitoring* għad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti, Ministeru Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent. Proġett ta' l-E.U. - *Ref: B7-040 MT2002 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.*

Lottijiet:
Lott 1 – *Microscopes*
Lott 2 – *Storage room with controlled temperature and humidity*
Lott 3 – *Phytosanitary laboratory equipment*
Lott 4 – *Seed laboratory equipment*
Lott 5 – *Air conditioners for new seed laboratory*
Lott 6 – *Domestic fridge and freezer for laboratories*
Lott 7 – *Computers for laboratory documentation*

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għal informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hu sat-Tlieta, is-27 ta' Jannar 2004 sa l-10.00 a.m. (Ħin ta' Malta).

Il-5 ta' Diċembru, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

E.U. Project - National Pre-Accession Programme 2002 for Malta
This is a Supply Procurement Notice under the INTERNATIONAL OPEN TENDER PROCEDURE

CT 300/2003. Supply of monitoring equipment for the Plant Health Department, Ministry for Rural Affairs and Environment. E.U. Project – Ref: B7-040 MT2002 National Pre-Accession Programme 2002 for Malta.

Lots:
Lot 1 – Microscopes
Lot 2 – Storage room with controlled temperature and humidity
Lot 3 – Phytosanitary laboratory equipment
Lot 4 – Seed laboratory equipment
Lot 5 – Air conditioners for new seed laboratory
Lot 6 – Domestic fridge and freezer for laboratories
Lot 7 – Computers for laboratory documentation

The Director General (Contracts) notifies for general information that the closing date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is Tuesday, 27th January 2004 up to 10.00 a.m. (Malta time).

5th December, 2003

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 279/2003. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' tagħmir tal-laboratorju għall-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta fil-Qasam Industrijali San Ġwann, San Ġwann - Laboratorju Nazzjonali ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġu mtawla sa l-10.00 a.m. tal-Ħamis, il-11 ta' Diċembru, 2003.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 279/2003. Supply, delivery and installation of laboratory equipment to the Malta National Laboratory at San Ġwann Industrial Estate, San Ġwann - Malta National Laboratory. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on Thursday, 11th December, 2003.

5th December, 2003

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sa l-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, it-18 ta' Diċembru, 2003.

Avviż Nru. 199. Bejgħ ta' (i) sit fi Triq il-Ġiżimin, is-Swieqi, muri bl-aħmar u mmarkat Nru.1 fuq pjanta P.D.49_2002; u (ii) l-arja ta' fuq parti minn *Sub Station,* tal-kejl ta' erbgħa u ħamsin (54) metru kwadru, fi Triq il-Ġiżimin, is-Swieqi, minn għoli ta' 3.78 metri mill-qatran ta' l-istess *Sub Station,* kif murija bil-vjola fuq l-istess pjanta P.D.49_2002. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 200. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Ġiżimin, is-Swieqi, muri bl-isfar u markat Nru. 2 fuq pjanta P.D.49_2002. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm2,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 201. Bejgħ ta' l-arja ta' fuq parti minn *Sub Station,* tal-kejl ta' tmienja u tletin (38) metru kwadru, fi Triq il-Ġiżimin, is-Swieqi, minn għoli ta' 3.78 metri mid-*damp proof course* ta' l-istess *Sub Station,* kif murija bl-aħdar fuq pjanta P.D.49_2002. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 202. Bejgħ ta' sit fi Triq ir-Rettur, iż-Żurrieq, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.207_2003. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 203. Bejgħ ta' sit fi Triq ir-Rettur, iż-Żurrieq, muri bil-blu fuq pjanta P.D.207_2003. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 204. Bejgħ ta' sit fil-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.247_90_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm20,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

Avviż Nru. 205. Bejgħ ta' sit fil-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, muri bil-blu fuq pjanta P.D.247_90_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm1,000.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut favur terzi.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 18th December, 2003.

Advt. No. 199. Sale of (i) a site in Triq il-Ġiżimin, Swieqi, shown edged in red and marked No.1 on plan P.D.49_2002; and (ii) the airspace overlying part of a Sub Station, having an area of fifty four (54) square metres, in Triq il-Ġiżimin, Swieqi, from a height of 3.78 metres above the damp proof course of the same Sub Station, as shown in violet on the same plan P.D.49_2002. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 200. Sale of a site in Triq il-Ġiżimin, Swieqi, shown edged in yellow and marked No. 2 on plan P.D.49_2002. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm2,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 201. Sale of the airspace overlying part of a Sub Station, having an area of thirty eight (38) square metres, in Triq il-Ġiżimin, Swieqi, from a height of 3.78 metres above the damp proof course of the same Sub Station, as shown in green on plan P.D.49_2002. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 202. Sale of a site in Triq ir-Rettur, Żurrieq, shown edged in red on plan P.D.207_2003. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 203. Sale of a site in Triq ir-Rettur, Żurrieq, shown edged in blue on plan P.D.207_2003. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 204. Sale of a site in Wardija, limits of Saint Paul's Bay, shown edged in red on plan P.D.247_90_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm20,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Advt. No. 205. Sale of a site in Wardija, limits of Saint Paul's Bay, shown edged in blue on plan P.D.247_90_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm1,000.00 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal in favour of third party.

Avviż Nru. 206. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Blata, Ħal Qormi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.237_2003. Dan il-bejgħ hu soġġett għal servitù ta' terzi. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm200.00 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kondizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'*cheque* jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

Il-5 ta' Diċembru, 2003

Advt. No. 206. Sale of a site in Triq il-Blata, Qormi, shown edged in red on plan P.D.237_2003. This sale is subject to third party servitudes. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm200.00 as stipulated in the tender conditions.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. A fee of Lm5 will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

5th December, 2003

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET

Id-Direttur Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Diċembru, 2003, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 73/03. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' servizzi ta' tindif għad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-16 ta' Diċembru, 2003, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 116/03. Xiri ta' *heavy duty tyre changer* għall-użu fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Kordin, Taqsima tax-Xogħlijiet.

Avviż Nru. 117/03. Tħaffir u bini ta' *walk through service tunnel* fil-Palazz Presidenzjali, Valletta.

*Avviż Nru. 119/03. Tkissir ta' mogħdijiet u tneħħija minn fuq il-post f'Paceville.

*Avviż Nru. 120/03. Provvista u konsenja ta' blokki tal-konkos *precast* f'diversi toroq (Fażi 2 u 3) f'Paceville.

Kwot. Nru. 74/03. Bejgħ *tale quale* ta' *starter batteries* mhux servibbli li jinsabu fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Kordin, Taqsima tax-Xogħlijiet.

WORKS DIVISION

The Director General, Works Division, notifies that:–

